10 ta' Jannar, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Francis Joseph Wismayer ne. *versus* Antonio Falzon ne. et. (*)

**Bejgħ — Ingrossa u Dettall — Preskrizzjoni — Prova — Art. 2253 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Eċċezzjoni tal-kreditur għall-prezz ta' merkanzija jew oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobili, hija suġġetta għall-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar. Imma jekk il-bejgħ ikun sar bl-ingrossa, dik il-preskrizzjoni mhix applikabili.*

*Għall-finijiet tal-preskrizzjoni, biex jiġi stabbilit jekk il-bejgħ ikunx sar bl-ingrossa jew bl-imnut, għandu jitqies mhux il-professjoni abitwali tax-xerrej, imma l-bejgħ stess li jkun hemm il-kwistjoni fuqu.*

*Huwa veru li l-Qorti għandha tuża ċerta ċirkospezzjoni meta tiġi mressqa biex takkolji istanza kontra persuna mejta, imma dana ma*

(*) Konfermata fl-Appell Kummerċjali, 31. 3. '52.

*jfisserx illi l-Qorti ma għandhiex takkolji dik l-istanza meta ma jkunx hemm raġunijiet għal suspett ta' domanda arkitettata.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biha l-attur nomine talab li, wara li jiġu mogħtijin id-dikjarazzjonijiet neċessarji u l-provvedimenti opportuni, il-konvenut jiġi kundannat iħallsu s-somma ta' £77. 18. 2, bilanċ ta' somma akbar dovuta mill-imsemmi Carmelo Falzon għal prezz ta' merċi lilu mibjugħa u konsenjata (dok. A) ; bl-imgħax kummerċjali mit-2 ta' Novembru 1950 u bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-26 ta' Mejju 1951, kontra l-konvenut li għandu jidher għas-subizzjoni ;

*Omissis;*

Trattata l-kawża, ikkunsidrat ;

*Omissis;*

Bin-nota fol. 35 ġiet sollevata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar ;

Skond il-liġi — art. 2253 Kap. 23 — huma, "inter alia", suġġetti għal din il-preskrizzjoni l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobili, mibjugħa bl-imnut ;

Issa, biżżejjed wieħed jagħti ħarsa lejn il-kontijiet eżibiti fl-inkartament biex jipperswadi ruħu li dan ma kienx bejgħ ta' dettall. Jista' jkun li Carmelo Falzon kien ibiegħ lill-parruċċani tiegħu bid-dettall skond il-bżonn tagħhom, u li hu kien dettaljatur ; imma d-ditta attriċi, kif juru d-dokumenti eżibiti, kienet qiegħda tbiegħ bl-ingrossa lid-dettaljatur, biex dan ibiegħ bl-imnut. Il-kreditu tagħha mhux, għalhekk, kreditu ta' bejgħ bl-imnut (ara sent. "Attard vs. Refalo", 15. 11. 1892, Qorti tal-Kummerċ, Imħallef Dr. P. Debono). Ċert li, apparti jekk l-attur jew il-konvenut kienx, jew kienux, grossisti jew dettaljaturi, il-bejgħ li hu indikat bil-kont reklamat fol. 5, ma kienx, kif jidher mill-entità tiegħu, bejgħ bid-dettal ; u, kif osserva l-Imħallef Dr. Giovanni Pullicino, App. Inf. "Fenech vs. Galea", 17. 1. 1912, għall-finijiet tal-preskrizzjoni għandha titqies mhux il-professjoni abitwali, imma għandu jitqies il-bejgħ stess li jkun hemm il-kwistjoni fuqu ;

Għalhekk l-eċċepita preskrizzjoni ma hijiex sostnuta ;

Fil-meritu ;

Il-kreditu ġie pruvat bix-xhieda ta' l-attur u bid-dokumenti minnu prodotti;

Huwa veru li l-Qorti għandha tuża ċerta ċirkospezzjoni f'każ ta' istanza kontra persuna mejta. Dana però ma jfisserx, u ma jistax ifisser, illi, jekk ma jkunx hemm raġuni għal suspett ta' domanda arkitettata, u jekk il-provi jikkonvinċu lill-Qorti, l-istanza ma għandhiex tkun akkolta. Igħid it-Taylor (Vol. I, paġ. 687 "On Evidence"):— "............. though a Court ought to regard a claim against a dead man's estate, which is only supported by the evidence of the claimant, with suspicion, if the result convinces the Court that the claim should be allowed, then the Court should allow the claim". F'dan il-każ ma hemm ebda ċirkustanza sospettuża, u x-xhieda ta' l-attur hi korroborata bil-kotba tiegħu..............;

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-eċċepita preskrizzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine eċċipjent; u billi tilqa' t-talba bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut nomine.